KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 66**

**L-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ghal-Laqgħa Annwali ġewwa l-ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fis-18:00h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | *Accountant* tal-Kunsill Lokali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Tlett (3) persuni

## 66.01 Qari t'ittri t'apoloġija

**66.01.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**66.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**66.01.03** Is-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qallu li mingħand il-Kunsillier Carlo Stivala ma wasal l-ebda kommunikat. Dwar dan il-Kunsillier issa ilu diversi seduti ma jattendi laqgħat. Fil-ġimgħat li għaddew is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat id-Diviżjoni però s'issa għadu ma rċieva ebda deċiżjoni. Għalhekk hu se jkun mniżżel bħala assenti mil-laqgħa tal-lum.

## 66.02 Introduzzjoni mis-Sindku

**66.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri ippresjeda l-laqgħa annwali. Hu beda billi rringrazzja lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv li kienu preżenti għal din il-laqgħa. Irringrazzja wkoll lil dawn it-tlett persuni mil-lokali li attendew għal-laqgħa annwali. F'din l-introduzzjoni huwa qal li waqt ir-rapport amminstrattiv se jingħata rendkont ta' ħidmet il-Kunsill Lokali matul is-sena li għaddiet u dwar xi proġetti hemm lesti għal-lokalità tagħna għal din is-sena li ġejja.

## 66.03 Rapport Amminstrattiv ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2022

**66.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara u spjega r-rapport amminsitrattiv li ġie mħejji u approvat fl-aħħar seduta mill-Kunsilliera. Hu sellem il-memorja tal-ex Kunsllier Joseph Baldacchino li ħalla din id-dinja fix-xhur li għaddew u feraħ lil Kunsillier Simon Buttigieg li ġie *co-opted* minfloku. Wkoll irringrazzja lil ex-Kunsillier Inġ. Stanley Zammit li kellu jirreżenja matul is-sena li għaddiet wara ġie elett fil-Parlament. Awgura lill-Kunsillier Johann Borg li ġie elett u huwa wkoll il-*minority leader* f'isem il-Partit Nazzjonalista. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 66.04 Rapport Finanzjarju għas-sena 2022

**66.04.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-*accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff sabiex tagħti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju tal-Kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 66.05 Interventi mill-Pubbliku Ġenerali

**66.05.01** (Residenta 1) talbet lil Kunsill sabiex iqassam l-iskeda tal-ġbir tal-iskart ta' spiss. Dan minħabba li l-pesuni barranin dejjem jinbidlu u għalhekk mhux qed ikunu aġġornati bl-iskeda ta-ġbir.

- ➢ *Is-Sindku wieġeb li tqassmu diversi avviżi u anke bl-lingwi differenti. Wkoll ġew installati diversi tabelli mal-lokal fejn javżaw l-iskeda tal-iskart il-ġdida*

**66.05.02** (Residenta 1) staqsiet għala din in-nuqqas t'attendenza mill-pubbliku minkejja l-ħafna tgergir fuq il-mezzi soċjali.

- *Is-Sindku wieġeb li din il-laqgħa hi waħda obbligatorja bil-liġi però fl-opinjoni tiegħu din hemm bżonn li tiġi emmendata skond il-ħtiġijiet tal-lum.*

**66.05.03** (Resident 2) staqsa dwar in-nuqqas t'indafa fil-lokal.

- *Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għadu għaddej bil-proġett pilota flimkien ma' diversi Kunsilli oħra. Is-servizz mhux dak mixtieq però u hemm lok ta' titjib. Hemm bżonn li jiżdiedu riżorsi umani min-naħa tal-Cleansing.*

**66.05.04** (Resident 3) staqsa għala l-Kunsill Lokali ma' organizzax hu l-protesta li saret f'Diċembru li għadda kontra l-irwejjaħ tal-ħut. Il-poplu ta' Birżebbuġa stenna li jkun il-Kunsill li jorganizzaha mhux NGO mil-lokal.

- *Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien qed jaħdem mal-awotritajiet konċernati dwar din il-problema. Hu żied li ċertu laqgħat ikunu sensittivi u mhux possibli li jkun ippublikat kollox. L-Għaqda li organizzat il-protesta kellha kull dritt u l-Kunsilliera kienu liberi li jattendu għaliha.*

## 66.06 Għeluq tal-laqgħa

**66.06.01** Il-Laqgħa Annwali 2022 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ntemmet fis-19:20h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Is-Seduta tal-Kunsill hi aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023, fil-17:30h.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |